Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2025)0099

L-istandards ta’ rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta’ CO_2 tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda għas-snin kalendarji mill-2025 sal-2027

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Mejju 2025 dwar il-proposta għar-regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2019/631 biex jinkludi flessibbiltà addizzjonali fir-rigward tal-kalkolu tal-konformità tal-manifatturi mal-istandards ta’ rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta’ CO_2 tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda għas-snin kalendarji mill-2025 sal-2027 (COM(2025)0136 – C10-0062/2025 – 2025/0070(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0136),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 u l-Artikolu 168(4), il-punt b, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0062/2025),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tad-29 ta’ April 2025[1],

– wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Reġjuni,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 60 u 170 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

[1] Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa’ tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b’mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b’mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P10_TC1-COD(2025)0070

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-8 ta' Mejju 2025 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2025/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2019/631 biex jinkludi flessibbiltà addizzjonali fir-rigward tal-kalkolu tal-konformità tal-manifatturi mal-istandards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO_2 tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda għas-snin kalendarji mill-2025 sal-2027

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) 2025/1214.)